MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2006

Numru 1046/2006

Il-Pulizija
(Sp Marisa Camilleri)
vs
Philip Borg, iben Paul,
imwieled Żebbuġ fil-11
ta' ġunju, 1976

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fit-2 ta' ottubru, 2006 għal ħabta tas-1.00 a.m. ġewwa s-Siġġiewi, inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta' PS403 James Grech liema persuna hi nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li għamel dan is-servizz, bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-istess membru tal-Korp

indikat aktar ‘il fuq, waqt li kien qed jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta’ ordni mogħti skond il-liġi minn awtorita’ kompetenti;
3. talli fl-istess data, ħin, lok uċirkostanżi qal kliem oxxen u dagħa fil-pubbliku u li bil-lejl kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat, jew b’xi mod ieħor.
Il-Qorti ġiet mitluba li f’każ ta’ ħtija, jekk jidrilha xieraq u biex tipprovdi għas-sigurta tal-pulizija msemmi aktar ‘il fuq, flimkien mal-piena jew minflok il-piena, torbot lil Philip Borg b’obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta’ somma ta’ flus skond l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta’ ottubru, 2006 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu u seduta stante skuża ruħu, ma PS403 James Grech, tal-akkadut.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lid-difensur ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 95, 96(a) u 338(m)(bb) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta’ multa ta’ mitt lira maltin (Lm100). Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------